# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2303

Każ Nru 3106/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Ramona Zammit

u

Paradise Bay Hotel Ltd

Data: 6 ta' Awwissu 2014

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-Każ ġie intavolat permezz ta' Rikors magħmul minn Lino Vassallo tal-Union Ħaddiema Maghqudin fit-8 ta' Frar 2013 fejn allega li Ramona Zammit kienet ġiet illiċenzjata inġustament minn mal-Lukanda Paradise Bay fil-25 ta' Jannar 2013. Ir-Rikorrenti kienet rappreżentata minn Lino Vassallo u mir-raba' seduta 'l quddiem mill-Avv Andrew Grima. Il-Lukanda Ntimata li kienet rapprezentata minn Ferdinand Fenech, *Chairman*, assistit mill-Avv Charlotte Camilleri, innegat dan. Inżammu għaxar seduti.

A tenur tal-Artikolu 78 (1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta irid jingħad li minħabba in-numru ta' seduti u xi differimenti li ntalbu ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

## 2 Fatti tal-Każ

Il-Lukanda Ntimata tirritjeni li r-Rikorrenti kienet għal aktar minn darba lejn tmiem l-impieg tagħha abbużat mir-rwol tagħha ta' impjegata u ndaħlet fid-deċiżjonijiet tal-bord tad-diretturi. Hija kienet impjegata iżda kienet mart wieħed mid-diretturi tal-Lukanda. Wara li ħarġitilha *notice of charge* lanqas biss ippruvat tiġġustifika l-aġir tagħha iżda talbet li ċ-*charges* jiġu rtirati.

Ir-Rikorrenti tgħid li meta fil-25 ta' Jannar 2013 hija kienet ġiet liċenżjata dan ma kienx għal raġuni valida u suffiċjenti għaliex ma kinietx ħatja tal-akkużi li ġiet mixlija bihom. Mhux hekk biss iżda ma ngħatatx okkażjoni biex tirrispondi għalihom. Dana wara 'l fuq minn 31 sena taħdem ma' l-istess Lukanda.

Bażikament dak li ġiet mixlija bih ir-Rikorrenti (Dok FF2) kien (1) li f'Marżu 2012 ikkritikat bil-miftuħ deċiżjoni tal-bord tad-diretturi għall-kiri ta' post fil-*lobby* tal-Lukanda Ntimata għal bejgħ ta' *tours*, u (2) minħabba l-attitudini tagħha, il-komportament u nuqqas ta' rispett lejn il-bord tad-diretturi kkawżat disgwid bejn id-diretturi tant li l-bord ma ltaqgħetx iktar mis-26 ta' Marzu 2012.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Dan it-Tribunal kellu quddiemu talba ta' impjegata dwar it-tkeċċija allegatament kontra il-liġi. Il-fatt li din kienet ukoll mart direttur għad li ma tistax tifirdu mir-realtajiet tal-impieg tagħha mhux relevanti wisq għal każ quddiemu. It-Tribunal fela' sewwa dak kollu li ġara biex eventwalment jasal għal konklużjoni dwar it-tkeċċija tar-Rikorrenti. Il-fatt uniku li dwaru ma hemmx kontestazzjoni kien inċident li ġara fl-2012. Kien ġie deċiż illi ditta tat-*tours* tingħata *desk* fil-*lobby* tal-lukanda biex jinbiegħu t-*tours*. Dana bi qliegħ tajjeb għal-lukanda. Ir-Rikorrenti li kienet il-*Head Receptionist* tidher li ma kienitx taf bl-arranġament avolja dan kellu l-barka tal-bord tad-diretturi. Għodwa minnhom meta kien dieħel Stefan Fenech, wieħed mid-diretturi, ir-Rikorrenti għajtitlu quddiem impjegati oħra u qaltlu "Ejja 'l hawn gużtuż nixtieq inkellmek". Huwa rrispondiha u qallha li jekk trid tkellmu tmur l-uffiċċju tiegħu fejn eventwalment marret. Hija ikkomplejnjat miegħu dwar l-arranġamenti ta-*tours*. Hemmhekk hija staqsietu wkoll dwar kummissjonijiet. Huwa infurmaha li dana kollu kien maqbul mal-bord tad-diretturi (seduta 26.6.13 fol. 22). Il-Lukanda Ntimata haditha bi kbira din għaliex dan l-inċident kien qed jiġi nterpretat bħala ndħil fit-tmexxija tal-lukanda. Fl-2009 kien sar ftehim bejn id-direttur biex *spouses* tal-azzjonisti ma jiġux impjegati u ir-Rikorrenti li kienet ilha snin kbar taħdem hemm kienet l-unika waħda li kien għad fadal bħala impjegata u kienu tkellmu biex jaraw kif hi ma tibqax hemm. Effett ta' dan kollu kien li daħal ċertu *friction* fost id-diretturi.

It-Tribunal ma daħalx f'inċident li kien sar ħafna qabel dwar terminazzjoni ta' impieg ta' ċerta Tracey Calleja li kienet namrata tat-tifel tar-Rikorrenti għaliex għad li dan l-inċident issemma fin-*notice of charge* ma ġiex indikat bħala nuqqas da parti tar-Rikorrenti anzi speċifikament intqal li l-ebda passi dixxiplinajir ma ttieħdu kontriha. Matul is-smiegħ tal-każ isssemma ħafna Ftehim li kien sar bejn l-azzjonisti fl-2009 dwar l-impieg ta' *spouses* kif ġa saret allużjoni għalih iżda t-Tribunal mhux kompitu tiegħu li jirreferi għalih in konnessjoni ma' dan il-liċenzjament allegatament mhux legali. Għal dak li jirrigward it-tieni akkauża a konfront tar-Rikorrenti ma ġiex pruvat li hi kienet il-kawża tal-inkwiet bejn id-diretturi. Li ġara huwa li reġgħu tqajjmu l-kwistjonijiet kollha naxxenti mil-ftehim tal-2009.

Dan it-Tribunal kemm il-darba enfasiżża illi terminazzjoni ta' impjieg mhux biss irid ikun għal raġuni ġusta iżda wkoll suffiċjenti. Dana tgħidu l-liġi stess (Art 36 (14) tal-Kap 452). Dak li ġiet akkużata bih ir-Rikorrenti għal dak li jirrigwarda ndħil fl-operat tad-diretturi ma ġiex kompletament ippruvat. Li ġie ippruvat mingħajr dubju huwa li kkonfrontat direttur quddiem impjegati oħra b'mod etikament mhux korrett iżda dan bl-ebda mod ma jista jiġi nterpretat bħala xi sfida lid-diretturi bi grad serju biżżejjed biex tiġi liċenzjata. Għaldaqstant jekk wieħed japplika t-test tas-suffiċjenza ma hemmx raġuni biżżejjed għat-tkeċċija tar-Rikorrenti.

It-Tribunal qies ukoll it-talba tar-Rikorrenti li tingħata lura l-impieg tagħha. Ir-Rikorrenti tidher li mhux biss għandha posizzjoni amministrattiva iżda hija wkoll mart wieħed mid-Diretturi. Dan kollu fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal ipoġġi lir-Rikorrenti fil-kategorija li l-Artikolu 81(1) tal-Kap 452 jindika bħala waħda li teħtieġ fiduċja speċjali fil-persuna tad-detentur ta' dik il-kariga. Għaldaqstant it-Tribunal mhux propens li jordna l-impieg mill-ġdid tar-Rikorrenti mal-Lukanda Ntimata.

## **4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li r-Rikorrenti Ramona Zammit ġiet liċenzjata minn mal-Lukanda Ntimata Paradise Bay Hotel Limited għal raġuni li la hi ġusta u lanqas suffiċjenti.

**<u>5. Kumpens</u>**

Wara li ra l-Artikolu 81 (2) (a), qies is-snin twal ta' servizzi u l-età tar-Rikorrenti t-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikorrenti Ramona Zammit mil-Lukanda Ntimata Paradise Bay Hotel Ltd fl-ammont ta' €35,000 li jridu jitħallsu hekk: €5,000 immedjatament u r-rimanenti €30,000 b'rati mensili ta' €3,000 il-wieħed pagabbli kull l-aħħar tax-xahar, bl-ewwel ħlas isir sal-31 ta' Awwissu 2014. Jekk tinqabeż xi skadenza għal kwalsiasi raġuni r-rimanenti somma issir *ipso facto* pagabbli immedjatament.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**<u>6. Drittijiet</u>**

Ai termini tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' moin assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja